

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti*

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG*

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien mal-Artikolu 53(1)(a) u (b) tal-imsemmi regolament — Trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "VILLA ALBERTI"*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba milqugħa*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud*

*Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien mal-Artikolu 53(1)(a) u (b) tal-imsemmi regolament*

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2013 — May vs UASI — Constantin Film Produktion (WINNETOU)**

**(Kawża T-501/13)**

(2013/C 336/59)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti: Karl May Verwaltungs- und Vertriebs- GmbH (Bamberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Pejman, avukat)*

*Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)*

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Constantin Film Produktion GmbH (München, il-Ġermanja)*

#### **Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell, tad-9 ta' Lulju 2013, fil-Każ R 125/2012-1;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali "WINNETOU" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 9, 14, 16, 18, 21, 24, 25, 28, 29, 30, 39, 41, 42 u 43 (Trade mark Komunitarja Nru 2 735 017)*

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti*

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Constantin Film Production GmbH*

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: Artikolu 52(1)(a) flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 207/2009*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni annullata u trade mark Komunitarja annullata parzjalment*

*Motivi invokati: ksur tal-prinċipju tal-awtonomija u tal-indipendenza tat-trade mark Komunitarja u tas-sistemi tat-trade marks Komunitarji kif ukoll ksur tal-Artikolu 76 u tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.*

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2013 — L-Italja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-510/13)**

(2013/C 336/60)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: P. Ġentili, avvocato dello Stato, G. Palmieri, aġent)*

*Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea*

#### **Talbiet**

— tannulla l-Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/260/13, 262/13, 263/13, 264/13, 265/13, 266/13, sabiex jitfasslu listi ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' tradutturi tal-lingwa Daniża, Ingliża, Franċiża, Taljana, Maltija, Olandiża, Slovena, ippubblikati fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-11 ta' Lulju 2013 Nru C 199 A;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbatl ispejjeż tal-kawża.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

*Il-motivi u argumenti prinċipali huma dawk invokati fil-Kawża T-275/13, L-Italja vs Il-Kummissjoni.*

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2013 — Braun Melsungen vs UASI (SafeSet)**

**(Kawża T-513/13)**

(2013/C 336/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti: B. Braun Melsungen AG (Melsungen, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-C. Seiler, avukat)*

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta' Ġunju 2013;
- temenda d-deċiżjoni kkontestata tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta' Ġunju 2013, fis-sens li tiġi annullata d-deċiżjoni ta' ħahda preċedenti mogħtija mill-UASI fil-25 ta' Jannar 2012;
- temenda d-deċiżjoni kkontestata tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta' Ġunju 2013, fis-sens li titkompla l-proċedura ta' reġistrazzjoni;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż inklużi daww esposti matul il-proċedura tal-appell.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "Safe-Set" għall-prodotti fil-klassi 10 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 549 368

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni rrifjutata

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u (c) u 7(2) kif ukoll tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009

#### Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2013 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-515/13)

(2013/C 336/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

#### Partijiet

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, Abogado del Estado)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u
- tikkundanna lill-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa ppreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4426 finali, tas-17 ta' Lulju 2013, dwar is-sistema fiskali applikabbli għal ċerti ftehim ta' leasing finanzjarju magħrufa wkoll bħala sistema Spanjola ta' leasing fiskali (SSLF) [Għajnuna mill-Istat SA.21233 C/2011 (ex NN/2011, ex CP 137/2006)]. Din id-deċiżjoni tikkunsidra li l-miżuri li jirriżultaw mill-Artikolu 115(11) tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji (deprezzament antiċipat ta' assi mikrija), mill-applikazzjoni tas-sistema ta' taxxa bbażata fuq it-tunnellaġġ għal impriżi, bastimenti jew attivitajiet mhux eliġibbli, u mill-Artikolu 50(3) tar-Regolament dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lill-gruppi ta' interess ekonomiku li hija inkompatibbli mas-suq intern.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107 TFUE, peress li l-miżuri eżaminati fid-deċiżjoni kkontestata ma jissodisfaw ebda wieħed mir-rekwiżiti sabiex jiġu kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat, peress li ma hemm ebda element ta' selektività f'vantaġġ mogħti lill-investituri potenzjali kollha tas-setturi kollha tal-ekonomija, mingħajr impożizzjoni ta' ebda prerekwiżit; lanqas ma hemm ebda distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, peress li jistax jiġi kkunsidrat li vantaġġ mogħti lil kulħadd mingħajr l-ebda diskriminazzjoni (lanqas minħabba n-nazzjonalità) jiffavorixxi jew jista' jiffavorixxi l-pożizzjoni kompetittiva ta' ċerti setturi jew impriżi għad-detriment tal-kompetituri tagħhom, peress li kull investitur jista' jipparteċipa fl-istrutturi tal-hekk imsejħa SSLF u jikseb il-benefiċċji li din is-sistema toffri. Konsegwentement, lanqas ma huwa affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri, peress li l-membri (jew l-azzjonisti) ta' entità ma jeżerċitaw ebda attività fis-suq.
- (2) It-tieni motiv, invokat sussidjarjament, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, peress li skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE, ma hemmx lok li l-għajnuna tiġi rkuprata.

#### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2013 — Aeroporia Aigaiou Aeroporiki u Marfin Investment Group Symmetochon vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-202/11) <sup>(1)</sup>

(2013/C 336/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 160, 28.5.2011.